TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 29/19/B

Rita Borg u Nadine Vella

vs

Gaetano Busuttil - Couture by Gaetano

Illum, 11 ta' Dicembru, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit-08 ta' Marzu 2019

Ra illi l-intimat baqa' ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba u rapprezentanti taghha u baqa' ma attendiexx ghas-seduti quddiem it-Tribunal minkejja illi ge debitament notifikat;

Ra l-Atti tal-process u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal r-rikorrenti indikat illi hija ghamlet ordni mal-initmat ghall-hjata ta' lbiex ghal bridesmaids. Illi minkejja li l-istess lbiesi tlestew mill-intimat dawn ma sarux skot il-qisien miftehma tant illi lejliet il-gurnata tat-tieg tar-rikorrenti Nadine Vella l-istess ilbies kellhom jerghu jsirulhom alterations fuq l-istess ilbies.

Illi Rita Borg xehdet illi apparti l-alterations li kien hemm bzonn li jsiru lejliet tat-tieg u dan wara li l-xoghol ma sarx tajjeb mill-intimat hija nnutat illi l-intimat kien uza d-drapp mixtri minnhom sabiex jaghmel libsa li nbieghet lil terzi persuni. Illi filfatt l-istess xhud tikkoferma illi d-drapp gie mixtri minnhom minghand Alamango u li dan id-drapp ingieb esklusivament ghar-rikorrenti ( u dan kif konfermat mill-email esibita u mmarkata bhala Dok E). Illi hija sehqet ukoll illi d-drapp zejjed li kellhom ghand l-intimat ma giex ritornat ghandhom tant illi sussegwentament r-rikorrenti indunat illi dan id-drapp intuza mill-intimat sabiex jaghmel libsa li giet milbusa minn kantanta f'kuncert li kellha (ara ritratti Dok A) u sussegwentament spiccat ghand persuni ohra u dan kif jidher minn Dok B.

Illi t-Tribunal jikkunsidra opportun illi qabel xejn jaghmel referenza ghal Ligi Sussidjara 378.01 'Regoli Dwar It-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi' u ghar-Regola 4.1 u 4.2 li taqra:

> *"4.1. L-intimat ghandu tmintax-il jum biex iwiegeb ghal talba li jibdew ghaddejjin mill-jum meta huwa jigi notifikat bl-Avviz tat- Talba. Jekk l-intimat jonqos milli jwiegeb, ir-rikorrent jista', skond ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinhareg ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat.*
>
> *4.2. Meta jkun qed iwiegeb l-intimat g]andu jimla Risposta ghal Talba (Formola 2) skond id-direzzjonijiet moghtija fuq il-formola. Ir-Risposta ghal Talba mbaghad tigi prezentata fir-Registru tat-Tribunal fejn ikun gie l-ewwel prezentat l-Avviz tat-Talba."*

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi l-intimat naqas milli jipprezenta r-Risposta bil-miktub tieghu minkejja illi hija gie debitament notifikata kif ukoll naqas milli jattendi ghas-seduti quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma gietx kontestata.

Illi meta r-rikorrenti xehdet quddiem dan it-Tribunal hija spjegat illi t-talba taghha kienet tikkonsisti € 165 bhala rimbors tal-materjal u € 100 bhala danni morali tax-xoghol li hija kellha taghmel lejliet it-tieg.

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti ma ghandhux dubju illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqa tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq spejgati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, billi jilqa' t-talba tar-

rikorrenti u jikkundanna lil intimat ihallas is-somma komplessiva ta' mitejn u hamsa u sittin Euro (€ 265) rapprezentanti mija hamsa u sittin euro (€ 165) rimborz tal-materjal mixtri mir-rikorrenti li gie uzat mill-intimat minghajr il-kunses taghhom u mitt Euro (€ 100) stabilliti *ex aequo et bono* minn dan it-Tribunal bhala danni morali.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-intimat.

Avv. Paul Borg
Arbitru